A.L. 68 ta' l-1991

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-1991 tal-Kunsill tal-Pagi dwar l-Industriji tal-Manifattura ta' l-Ikel biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi dwar l-Industriji tal-Manifattura ta' l-Ikel dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li dwarhom l-imsemmi Kunsill tal-Pagi jaħdem, għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 tal-Kunsill tal-Pagi dwar l-Industriji tal-Manifattura ta' l-Ikel biex Jirregola l-Pagi u għandu jibda jseħħ fl-20 ta' Mejju, 1991. Titolu u bidu fis-seħħ.

2. Id-disposizzjonijiet murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha li dwarhom il-Kunsill tal-Pagi dwar l-Industriji tal-Manifattura ta' l-Ikel jaħdem. Applikazzjoni ta' l-ordni.

3. Mid-data li fiha jibda' jseħħ dan l-ordni, l-Ordni ta' l-1977 tal-Kunsill tal-Pagi dwar l-Industriji tal-Manifattura ta' l-Ikel biex Jirregola l-Pagi għandu jiġi revokat. Jirrevoka l-ordni ta' qabel. A.L. 54 ta' l-1977.

SKEDA

1. F'din l-Iskeda kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — Tifsir.

"vaganzi tas-soltu" tfisser il-ġranet (barra mill-Ħdud) iddikjarati għal dak iż-żmien bħala btajjel pubbliċi skond jew taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ġurnata" tfisser perijodu li jibda minn nofs il-lejl ta' ġurnata sa nofs il-lejl tal-ġurnata ta' wara;

"nofs ta' nhar" tfisser perijodu ta' tnax-il siegħa konsekuttivi li jibda jew jispiċċa fis-1.00 p.m. jew fis-1.00 a.m.;

"ħinijiet ta' xogħol" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-disposizzjoni tal-prinċipal, minbarra l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"ħin normali" u "ħin u nofs" u "ħin doppju" ifissru rispettivament darba, darba u nofs u darbtejn l-anqas rata ta' ħin li tapplika għall-impjegat;

"impjegat *part-time*" tfisser impjegat li ma jkunx impjegat *whole-time;*

"perijodu ta' mpieg" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-disposizzjoni tal-prinċipal, iżda magħduda l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"paga" tfisser kumpens jew qliegħ li jitħallas bi flus minn prinċipal lil impjegat;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa" tfisser perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi, li jibda fil-ħin li fih l-impjegat normalment jibda t-turn tiegħu ta' xogħol;

"impjegat *whole-time*" tfisser impjegat:

(a) li jkun impjegat għal aktar minn 30 siegħa f'xi ġimgħa waħda; u

(b) li s-sigħat tax-xogħol tiegħu jkunu mqassma f'perijodu ta' aktar minn nofs ta' nhar f'xi ġurnata.

Ħinijiet tax-xogħol.

2. (1) L-anqas remunerazzjoni li għandha titħallas fil-ġimgħa għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn erbgħin siegħa xogħol fil-każ tal-ħaddiema *whole-time* kollha, barra minn għassiesa.

(2) L-anqas remunerazzjoni li għandha titħallas fil-ġimgħa fil-każ ta' għassiesa għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn erbgħa w ħamsin siegħa xogħol, inklużi l-intervalli permessi għall-ikel fuq il-post.

L-inqas paga ta' mpjegati *whole-time.*

3. (1) L-inqas pagi fil-ġimgħa li għandhom jitħallsu lill-impjegati *whole-time,* barra minn għassiesa, għandhom ikunu kif ġej:—

ta' 18-il sena jew fuqhom	Lm34.13c
ta' 17-il sena	Lm31.93c
ta' 16-il sena	Lm31.00c.

(2) (a) Għassiesa li d-dmirijiet tagħhom ikunu prinċipalment ġewwa għandhom jitħallsu l-anqas paga fil-ġimgħa ta' Lm34.13c; u

(b) Għassiesa li d-dmirijiet tagħhom ikunu prinċipalment barra għandhom jitħallsu l-anqas paga fil-ġimgħa ta' Lm35.13c.

4. Impjegati *part-time* għandhom jitħallsu l-inqas rata fis-siegħa kalkolata *pro-rata* skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' din l-Iskeda. L-inqas paga ta' mpjegati *part-time*.

5. L-impjegati *whole-time*, minbarra l-għassiesa, ikollhom permess għall-intervalli għall-ikel u mistrieħ ta' mhux inqas, b'kollox, minn siegħa kuljum: L-inqas mistrieħ ta' kuljum.

Iżda —

(a) bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' dan il-proviso, l-intervall jew intervalli għandhom jingħataw wara l-ewwel jew qabel l-aħħar siegħa tal-perijodu ta' l-impieg; u

(b) meta l-aħħar nofs siegħa tal-perijodu ta' l-impieg tkun permessa bħala nofs siegħa ta' mistrieħ, l-impjegat ikun intitolat li jħalli l-post tax-xogħol malli tibda dik in-nofs siegħa.

6. L-impjegati *whole-time* kollha, barra minn għassiesa, għandu jkollhom jumejn ta' mistrieħ fil-ġimgħa. Għassiesa għandu jkollhom ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa: L-inqas mistrieħ fil-ġimgħa.

Iżda d-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni jista', meta jidhirlu li hu xieraq, jagħti permess bil-miktub lill-prinċipal biex jagħti lil dawk l-impjegati żewġ nofs ta' nhari li jispiċċaw jew jibdew f'nofs in-nhar, bħala waħda mill-jumejn mistrieħ fil-ġimgħa.

7. (1) Xogħol fil-vaganzi tas-soltu għandu jitħallas b'ħin doppju, jew b'ħin normali u ġurnata frank minflok, barra mill-ġurnata jew ġranet ta' mistrieħ. L-inqas rata ta' sahra.

(2) Impjegati *whole-time*, barra minn għassiesa, għandhom jitħallsu rimunerazzjoni għal sahra kif ġej:—

(a) għal xogħol 'il fuq minn 40 siegħa fil-ġimgħa — ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem fl-ewwel ġurnata ta' mistrieħ determinata minn qabel fil-ġimgħa — ħin u nofs;

(ċ) għall-ħin kollu li jinħadem fit-tieni ġurnata ta' mistrieħ determinata minn qabel fil-ġimgħa — ħin doppju.

(3) Għassiesa għandhom jitħallsu rimunerazzjoni għal sahra kif ġej:—

(a) għal xogħol 'il fuq minn 9 sigħat kuljum jew 54 siegħa fil-ġimgħa — ħin u nofs;

(b) għal xogħol fis-seba' ġurnata (li tkun il-ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa) — ħin doppju.

Leave għal vaganza.

8. (1) B'żieda mal-anqas mistrieħ fil-ġimgħa li jistgħu jkunu ntitolati għalih impjegat *whole-time* skond il-paragrafu 6, impjegati *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-*leave* għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn:—

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' ġimgħat tax-xogħol u tlett ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara;

Iżda meta impjegat *whole-time* ikun ilu mpjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza imsemmi skond ma jkun il-proporzjon tan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu '*leave* għal vaganza' tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u mpjegat, b'dan illi jum wieħed *leave* għal vaganza matul l-1988 u l-1989, jumejn *leave* għal vaganza matul l-1990, tlett ijiem *leave* għal vaganza matul l-1991 u erbat ijiem *leave* għall-vaganza matul l-1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shut-down* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.

Leave għal mard.

9. (1) L-impjegati *whole-time* ikunu ntitolati għal 12-il ġurnata *leave* għal mard f'kull sena kalendarja b'paga sħiħa iżda nieqes kull benefiċċju għall-mard li għalih huma jista' jkollhom dritt skond l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali; iżda ċertifikat tat-tabib li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol li jkopri l-perijodu ta' assenza għandu jiġi ippreżentat lill-prinċipal.

(2) Impjegati *whole-time* li jkun ilhom jaħdmu għal anqas minn sena jkunu ntitolati għal-*leave* għall-mard bi ħlas fi proporzjon għan-numru ta' xhur ta' mpieg.

Leave għal korriment.

10. Impjegat *whole-time* ikollu jedd għal *leave* għal korriment b'paga sħiħa sa massimu ta' sena, nieqes l-ammont sħiħ ta' kull benefiċċju li għalih dak l-impjegat jista' jkollu jedd skond l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, jekk ikorri waqt il-qadi attwali ta' dmirijietu u dak il-korriment ma jkunx minħabba xi negliġenza kontributorja minn naħa tiegħu jew minħabba l-ksur minnu ta' xi regoli ta' ħaris mill-periklu stabbiliti mill-*Management*.

Leave għal luttu.

11. Impjegati *whole-time* ikollhom jumejn *leave* bi ħlas fil-każ tal-mewt ta' xi wieħed jew waħda mill-qraba li ġejjin: il-mara jew ir-raġel, il-missier jew l-omm (jew xi persuna li f'dak iż-żmien kienet fil-fatt qiegħda tagħmilha bħala missier jew omm l-impjegat), l-iben jew il-bint, u ħuh jew oħtu.

Leave għal twelid.

12. Impjegat *whole-time* ikollu *leave* ta' ġurnata waħda bi ħlas fil-każ tat-twelid ta' tarbija lil martu.

Leave għaż-żwieġ.

13. Impjegat *whole-time* jingħata tlett ijiem *leave* b'paga sħiħa fl-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu.

Leave għal ġurat.

14. Impjegati *whole-time* li jissejjħu għal servizz bħala ġurati jingħataw il-ħin kollu meħtieġ b'paga sħiħa sabiex ikunu jistgħu jattendu għal dak is-servizz fil-Qorti.

Ħin ta' stennija.

15. Impjegat għandu dritt għall-ħlas ta' l-inqas paga applikabbli għalih għall-ħin kollu li matulu jkun preżenti fil-post tal-prinċipal tiegħu jew f'post ieħor ħlief meta huwa jkun preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-kunsens tal-prinċipal, imfisser jew mifhum;

(b) għal xi skop li m'għandux x'jaqsam max-xogħol tiegħu u li ma jkunx dak li jistenna għax-xogħol li għandu jingħata lilu biex jagħmel;

(ċ) għar-raġuni biss tal-fatt li huwa jirrisjedi hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet normali ta' l-ikel, u ma jkunx qiegħed jistenna għal xogħol biex jingħata lilu biex jagħmel.

Età ta' irtir mix-xogħol.

16. F'każ fejn impjegat raġel ikun mistenni li jirtira mix-xogħol fl-età ta' 60 sena, impjegat bħal dan għandu jingħata l-opportunità minn min iħaddmu biex jibqa' fl-impieg tiegħu 'l fuq minn din l-età u ta' l-anqas sakemm jilħaq l-età ta' 61 sena, iżda l-impjegat konċernat xorta għandu jitħalla jekk huwa hekk ikun irid, li jirtira fl-età ta' 60 sena.

NOTA TA' TIFSIR

(Din in-nota mhix parti mill-Ordni, iżda hija maħsuba biex turi l-applikabbilità tiegħu)

L-ordni ta' hawn fuq japplika għall-impjegati kollha f'xi impriża, jew parti minn impriża, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu għal kollox jew prinċipalment fil-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel inklużi fran, fabbriki ta' l-għaġin, fabbriki li jaħdmu l-ħelu u fabbriki tal-ġelati u ta' għalf bilanċjat u oġġetti oħra ta' l-ikel għall-konsum mill-annimali.